



2024/1934

8.8.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 109/2024**

**tas-26 ta' April 2024**

**li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2024/1934]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1979 tal-31 ta' Awwissu 2022 li tistabbilixxi l-formola u l-bażijiet tad-*data* għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemija fl-Artikoli 18(1) u 21(3) tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi u li tassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/895/UE (\*) trid tiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1979 tassar, b'effett mill-31 ta' Diċembru 2025, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/895/UE (\*), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement trid titassar skont il-Ftehim ŻEE b'effett mill-31 ta' Diċembru 2025.
- (3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XX għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 23d (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/895/UE):  
"23e. **32022 D 1979:** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1979 tal-31 ta' Awwissu 2022 li tistabbilixxi l-formola u l-bażijiet tad-*data* għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemija fl-Artikoli 18(1) u 21(3) tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi u li tassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/895/UE (ĠU L 272, 20.10.2022, p. 14)."
2. It-test tal-punt 23d (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/895/UE) għandu jitħassar b'effett mill-31 ta' Diċembru 2025.

*Artikolu 2*

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1979 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' April 2024, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (\*).

(<sup>1</sup>) ĠU L 272, 20.10.2022, p. 14.

(<sup>2</sup>) ĠU L 355, 12.12.2014, p. 51.

(\*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2024.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
*Il-President*  
Nicolas VON LINGEN

---